QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Rikors Nru 656/99DM

Henry u Monica konjugi Cassar

vs

Paul Borg u
Tabib Principali tal-Gvern

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta’ LM494.30,0 (erba’ mija u erbgha u disghin Liri Maltin tletin centezmu) jew somma verjuri rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi wara l-incident awtomobilistiku tat-12 ta’ Jannar 1999 fil-Hamrun bejn il-vettura ta’ l-atturi u ambulanza misjuqa minn Paul Borg b’nuqqas ta’ prudenza, b’negligenza jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l- ta’ Marzu 1999, u bl- imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:-

1 Illi l-allegazzjonijiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident msemmi sehh unikament tort tan-negligenza u imperizja da parti ta’ Caroline Cassar

2 Illi di piu' l-istess Caroline Cassar kkagunat danni fil-vettura tal-konvenut t-Tabib Principali tal-Gvern fl-ammont ta' hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50) u minkejja interpellata permezz ta' ittra ufficjali ta' l-14 ta' April, 1999, l-ammont ghadu ma thallasx.

.

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti dwar ir-responsabilita' jirrizulta li l-kollizzjoni grat meta l-vettura tal-atturi kienet qed tinsaq fit-triq principali u l-Ambulanza misjuqa mill-konvenut harget ghal gewwa din it-triq minn triq sekondarja laterali.

Jirrizulta ukoll illi l-konvenut Borg, sewwieq tal-Ambulanza, minghajr ma waqaf fuq l-Istop Sign li sab fit-tarf ta Triq Mimosa qabel ma tisbokka fit-triq principali, baqa hiereg u ipprova jaqsam il-karreggjata wzata mill-vettura tal-atturi, izda habat mal-vettura tal-atturi.

Ghalhekk, kieku ma kienx ghal fatt li l-vettura misjuqa mill-konvenut Borg kienet Ambulanza, ma kienx ikun dubbju dwar ir-responsabilita' esklussiva tal-konvenut Borg.

Huwa accettat illi Ambulanza f'emergenza ghandha tinghata d-dritta u precedenza anke meta l-konfigurazzjoni tat-toroq u s-senjaletika jindikaw mod iehor. Ghalhekk il-konvenut Borg isosstni li kien l-obbligu ta Caroline Cassar li meta kienet avzata bil-vicinanzi tal-ambulanza hija kellha tieqaf u thalli lis-sewwieq tal-ambulanza jghazel il-manuvra li xtaq jghamel.

Izda d-dover ta kull sewwieq li jghati precedenza lil Ambulanza ma jfisserx illi min isuq Ambulanza ghandhu jinjora ghal kollox ir-regolamenti tat-traffiku u jippretendi li t-traffiku kollhu vicin ghandhu jieqaf hesrem biex ikun jista jghazel dik il-manuvra li jixtieq huwa.

Huwa dejjem obbligu ta sewwieq ta Ambulanza li jibqa konxju u attent ghar-regolamenti u senjaletika tat-traffiku u fejn dawn ma jtughx precedenza huwa ghandhu jistenna li l-ewwel jigi agevolat minn min ghadhu d-dritta u jghamel dik il-manuvra li tigi suggerita mill-agevolazzjoni.

Ghalhekk il-konvenut Borg ma kellux jippretendi li Caroline Cassar kellha bil-fors tikkoncedilhu spazju minn quddiem il-vettura taghha. Qabel ma setgha jinvadi u jittraversa t-triq principali, huwa kellhu xorta wahda jistenna li l-'main road user' l-ewwel jikkoncedilhu l-ispazju u wara jghazel il-manuvra suggerita.

Mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut Borg segwa din il-procedura u ma rrizultax li setgha kien gie sgwidat minn xi manuvra li setghet ghamlet Caroline Cassar. Infatti Caroline Cassar, konxja mill-avvicinament tal-Ambulanza, maqbuda faccata tat-triq laterali, baqghet miexja fl-istess direzzjoni biex tnehhi il-vettura taghha minn fejn ried jaqsam il-konvenut u ma ghamlet ebda sinjal jew manuvra li setghet tigi interpretata li kienet ser tieqaf fil-pront, jew tregga b'lura, biex il-konvenut Borg jghaddi minn quddiema.

Ghalhekk il-kawza tal-habta kienet il-manuvra zbaljata tal-konvenut Borg, li ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni rizultanti fil-vettura tal-atturi.

Il-konvenut, Tabib Principali tal-Gvern, bhala sid tal-vettura misjuqa minn Borg, m'ghandu ebda risponsabilita' ghall-incident.

Dwar id-danni, l-attur Henry Cassar ipproduca diversi ricevuti biex jipprova in-nefqa ghar-riparazzjonijiet u dawn jirrappresentaw nefqa komplessiva ta LM474.30. Inoltre jallega li qabel ma ghamel dawn ir-riparazzjonijiet il-konvenuti kienu baghtu rappresentant biex jezamina l-hsara u dan ma giex ikkontestat mill-konvenuti.

Ghaldaqstant issib illi d-danni totali jammontaw ghas-somma ta LM474.30 u fil-waqt li tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Paul Borg u tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma imsemmija ta LM474.30 billi kien unikament risponsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-12 ta' Jannar 1999 fil-Hamrun bejn il-vettura ta' l-atturi u ambulanza misjuqa minnhu b'nuqqas ta' prudenza, b'negligenza jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Inoltre tikkundanna lill-istess konvenut Paul Borg sabiex ihallas lill-atturi l-imghax legali fuq l-imsemmija somma ta LM474.30, b'effett mill-lum.

Bl-ispejjes  a kariku tal-konvenut Paul Borg, hlief dawk tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern li ghandhom ikunu a kariku tal-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/ Reg
civ17